MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 33/2003/1

Kummissarju ta' l-Art

vs

Jack Serra u Inez Serra ghall-hamsa minn tmien (5/8) partijiet indivizi

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrent Kummissarju ta' l-Artipprezentat fil-5 ta' Gunju, 2003 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'avviz ghall-Ftehim datat 27 ta' Frar, 2003 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franki u liberi tal-fondi Nri. 26 u 27 fi Triq il-Wied, Msida huwa ta' sebat elef Lira Maltija (Lm7,000) ghall-intier kif jidher mir-rapport tal-perit Carmen V Sutton A&C.E. tat-28

ta’ Frar, 2002 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tat-18 ta’ Marzu, 2003 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ hamsin elf lira Maltin (Lm50,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franki u liberi tal-fondi Nri. 26 u 27 fi Triq il-Wied, Msida fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra r-risposta pprezentata mill-intimati fejn esponew:

Illi permezz ta’ ittra ufficjali Jack u Inez Serra ta’ 151 Fleur de Lys Road, B’Kara jaghmlu referenza ghall-avviz ghall-ftehim tas-27 ta’ Frar, 2003 ghall-kumpens li inti ridt ittihom ghall-5/8 tal-fondi 26/27 Triq il-Wied, Imsida ammontanti ghal Lm7,000. Huma jinfurmawk illi l-ammont minnek offert huwa irrizorju u mhux skond il-prezzijiet tas-suq.

Illi l-fondi li huma ma jaccettawx il-kumpens minnkom offert stante illi huma jippretendu illi l-kumpens ghandu jkun ta’ mhux inqas minn Lm50,000.

Illi din l-ittra ufficjali qed issir a tenur tal-provedimenti tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta u jinfurmawk illi jekk inti m’intix ser thallashom is-somma fuq imsemmija ta’ Lm50,000 prezz ta’ proprjeta’ fuq imsemmija.

Tant biex taghraf timxi u bl-ispejjez.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-att skond il-ligi.

Ra d-digriet tieghu tad-9 ta' Frar, 2000 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Michelangelo Refalo u l-AIC Godfrey Vella.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti teknici li ffissaw il-kumpens ghall-fondi shah fl-ammont ta' sittax-il elf lira, sitt mija u erbghin lira Maltija (Lm16,640) u ghalhekk sehem l-intimati hu ta' ghaxart elef lira u erba mitt lira Maltija (Lm10,400) billi sehemhom hu ta' hamsa minn tmienja (5/8). Ir-relazzjoni taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jittrasferixxu
hamsa minn tmienja (5/8) indiviz tal-fondi numri 26 u 27 fi Triq il-Wied, l-Msida bil-kumpens ta' ghaxart elef u erba' mitt lira Maltija (Lm10,400) billi l-kumpens shih gie stmat sittax-il elf, sitt mija u erbghin lira Maltija (Lm16,640).

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala n-Nutar tar-rikorrent jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fis-16 ta' Jannar, 2006 fid-9:30a.m. fl-ufficcju tar-rikorrent. Jahtar lil Dr Karl Briffa sabiex jidher fuq il-kuntratt ghall-kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord. Ir-rikorrent ghandu jgharraf lill-avukat ghall-kontumaci b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------